Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,574, 21 ta' Jannar, 2026
Taqsima B

A.L. 11 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. IT (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. IT (Hons) – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. IT (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 282 tal-2022, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2025 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Grad jingħata f'xi wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju li ġejjin:

(a) Artificial Intelligence;
(b) Information Systems;
(c) Software Development."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-applikanti għall-qasam ta' studju tal-**Information Systems** li qed japplikaw skont is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament għandhom:

jew (a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università u jkollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fil-Livell Avvanzat tal- Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fi tnejn mis-suġġetti li ġejjin: il-Matematika Applikata; il-Computing; l-Information Technology; l-Ekonomija; l-Accounting; il-Marketing; il-Matematika Pura; il-Bijoloġija, il-Kimika, l-Ingliż, il-Filosofija, u l-Fiżika; u

(ii) ċertifikat li għaddew fil-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar (jekk mhux ippreżentat fil-Livell Avvanzat); u

(iii) ċertifikat li għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (jekk mhux ippreżentati fil-Livell Avvanzat).

jew (b) ikollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja f'ħames suġġetti, li jinkludu l-Ilsien Ingliż u l-Malti;

(ii) ċertifikat li għaddew fl-Oqsma tal-Għerf fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; u

(iii) ċertifikat li għaddew fil-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar, jew f'livell simili ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti tad-Dħul tal-Università; u

(iv) waħda minn dawn:

(1) id-Diploma tas-City and Guilds of London Institute Course No. 7235 fl-Applied Information Technology; jew

(2) l-MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) fil-Computing; jew

(3) kwalunkwe kwalifika oħra minn istituzzjoni rikonoxxuta meqjusa mill-Bord bħala ekwivalenti għal (1) jew (2) hawn fuq."